MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2009

Appell Civili Numru. 28/2004/1

**Vodafone Malta Limited**

**v.**

**L-Awtorita` ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, l-Onorevoli Ministru ghall-Kompetittivita` u Komunikazzjonijiet, u l-Avukat Generali; u ghal kull interess li jista' jkollhom, Moblsle Communications Limited**
**u Maltacom Limited u b'digriet tas-6 ta' Marzu 2006 l-isem Maltacom Limited gie mibdul ghal Maltacom p.l.c.**

**u b'digriet tat-12 ta' Dicembru 2007 l-isem "Maltacom p.l.c."**
**qed jigi sostitwit bl-isem "GO p.l.c.".**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Jannar 2006 li permezz taghha dik il-Qorti ddeklinat milli tezercita s-setghat taghha taht il-Kostituzzjoni u taht il-Kap. 319 peress li rriteniet illi ghal kull wiehed mill-ilmenti migjuba mis-socjeta` rikorrenti (illum appellanti) l-istess socjeta` "setghet fittxet rimedju taht il-ligi ordinarja".

**2.** Ghall-ahjar intendiment tas-sentenza odjerna, ser tigi riprodotta s-sentenza appellata fl-intier taghha, anke peress li din taghti, fil-qosor, l-isfond tal-kawza u l-lamenteli migjuba mis-socjeta` rikorrenti fir-rikors promotorju taghha:

"F'din il-kawża s-soċjetà rikorrenti qiegħda tfittex rimedju sabiex jitħarsu l-jeddijiet fondamentali tagħha taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"], l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["il-Konvenzjoni"], u l-art. 1 ta' l-Ewwel Protokoll mal-Konvenzjoni ["l-Ewwel Protokoll"]. Dan il-provvediment tallum huwa dwar l-eċċezzjoni illi r-rikorrenti kellha rimedju taħt il-liġi ordinarja u għalhekk ma kellhiex għalfejn tinqeda b'dawn il-proċeduri straordinarji tallum.

"Il-fatti li wasslu għal din il-kawża, kif imfissra fir-rikors li bih inbdew dawn il-proċeduri, ġraw hekk:

"Is-soċjetà rikorrenti u l-intimata *MobIsle Communications Limited*, li it-tnejn jagħtu servizz ta' telefonija ċellulari, kienu qegħdin ifittxu li jaslu għal ftehim, imsejjaħ "*interconnection agreement*", sabiex sejħiet mibdija fuq in-*network* ta' waħda jkunu jistgħu jiġu terminati fuq in-*network* ta' l-oħra. Billi ma waslux għal ftehim dwar it-

tariffa (imsejħa "*termination rate*") li waħda tħallas lill-oħra għal dan is-servizz, *MobIsle Communications Limited* b'ittra tal-31 t'Ottubru 2000 għarrfet lill-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni ["l-Awtorità"] li kien hemm din it-tilwima sabiex l-Awtorità tagħti d-deċiżjoni tagħha dwarha.

"B'deċiżjoni ta' l-10 ta' Novembru 2000 l-Awtorità qatgħet it-tilwima billi qalet illi l-ogħla *termination rate* kellha tkun ta' tmien ċenteżmi u ħames milleżmi (8c5) kull minuta għas-sejħiet, ħlief dawk internazzjonali, li jitterminaw fuq *mobile networks* f'Malta, b'seħħ għal tnax-il xahar mill-1 ta' Diċembru 2000, sakemm l-Awtorità ma tipprovdix mod ieħor matul dak iż-żmien.

"Waqt li kien għaddej dan kollu, fit-28 ta' Novembru 2000 il-Ministru għat-Trasport u Komunikazzjoni ["il-Ministru"], wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità, ħareġ b'Avviż Legali numru 243 ta' l-2000 regolamenti taħt l-Att biex jirregola l-Komunikazzjoni [Kap. 399], imsejħin ir-Regolamenti ta' l-2000 dwar l-Obbligi u r-Rati dwar l-Interkonnessjonijiet.

"Is-soċjetà rikorrenti b'rikors tas-6 ta' Diċembru 2000 fil-Bord ta' l-Appelli dwar Telekomunikazzjonijiet ["il-Bord ta'l-Appelli"] appellat mid-deċiżjoni ta' l-Awtorità tal-10 ta' Novembru 2000. B'sentenza ta' l-1 t'April 2003 il-Bord ta' l-Appelli laqa' l-appell u ddeċieda illi:

""a) Jirrevoka d-deċiżjoni ta' 1-awtorità in kwantu li m'hijiex motivata fil-punt kruċjali tat-tilwima li l-awtorità kellha tirrisolvi, u allura difettuża proceduralment; [u]

"b) Jirremetti l-kwistjoni quddiem il-Ministru responsabbli sabiex, wara li jsiru l-aċċertamenti neċessarji, jara jekk ikunx meħtieġ li r-rata stabilita fl-Avviż Legali tiġix konfermata *o meno* u dan skond il-liġi."

"L-Awtorità u *Maltacom p.l.c.* (li kienet issejħet fil-kawża flimkien ma' *MobIsle Communications Limited*) appellaw quddiem il-Qorti ta' l-Appell mid-deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appelli. B'sentenza tat-23 ta' Ġunju 2004 il-Qorti ta' l-Appell laqgħet l-appell u ħassret is-sentenza tal-Bord ta' l-Appelli għar-raġuni:

"“… … … illi 1-Avviż Legali [243 ta’ l-2000] kien ostattiv ta’ l-appell interpost mis-soċjetà appellata quddiem il-Bord. Dan fis-sens illi, kif manifest, kien jonqos fis-soċjetà appellata l-interess ġuridiku għall-proponiment tiegħu meta hi stess kienet hekk aċċettat ir-riżultat finali tal-fissazzjoni tar-rata. Ċertament il-kontestazzjoni tal-proċedura adottata mill-Awtorità, mingħajr il-kontestazzjoni tal-meritu ta’ dak li l-istess proċedura stabbiliet, ma kien ser iservi ta’ l-ebda konfort f’termini ta’ utilità oġġettiva. Fiċ-ċirkostanzi u in bażi għall-konsiderazzjonijiet kollha fuq esposti din il-qorti ssib raġunijiet validi fl-aggravji sottomessi u hawn eżaminati biex tiddissenti mill-konklużjoni tal-Bord. Raġġunta din il-konklużjoni mhux il-każ li l-qorti tinoltra ruħha fl-aggravji 1-oħra.”

“Is-soċjetà rikorrenti tissottometti illi kemm il-ħruġ ta’ l-Avviż Legali 243 ta’ l-2000 bis-saħħa ta’ *ius superveniens* kif ukoll il-konklużjoni tal-Qorti ta’ l-Appell illi r-rikorrenti ma kellhiex interess ġuridiku illi tappella għax hija “aċċettat ir-riżultat finali tal-fissazzjoni tar-rata”, wasslu biex tħassret is-sentenza tal-Bord ta’ l-Appelli u hekk wasslu biex lill-Awtorità tawha immunità assoluta mill-istħarriġ ġudizzjarju. B’hekk, tkompli tgħid ir-rikorrenti, inkiser il-jedd fondamentali tagħha għal smigħ xieraq minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b’liġi, imħares taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni, għal dawn ir-raġunijiet:

“L-ewwelnett għax l-impożizzjoni ta’ *termination rate* b’Avviż Legali ġabet fix-xejn il-jedd tar-rikorrenti illi tappella mid-deċiżjoni ta’ l-Awtorità quddiem tribunal imparzjali u indipendenti. B’hekk, ir-rikorrenti spiċċat mingħajr rimedju ġudizzjarju effettiv kontra deċiżjoni ta’ awtorità amministrattiva illi ma tikkwalifikax bħala tribunal u ma tagħtix il-garanziji ta’ smigħ xieraq illi jridu l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni. Il-jedd ta’ appell ingħata mill-istess liġi — il-Kap. 399 — illi taħtha nħareġ l-Avviż Legali. Liġi sussidjarja, li hija ġerarkikament inferjuri għall-*parent act*, ma tistax ikollha dispożizzjonijiet li jmorru kontra dawk tal-liġi ewlenija. Għalhekk, l-ostakolu għall-

jedd ta' appell maħluq mill-Avviż Legali la kien leġittimu u lanqas prevedibbli għar-rikorrenti.

"Ir-rikorrenti tkompli tissottometti illi l-Avviż Legali huwa aktar u aktar ċensurabbli meta tqis illi d-deċiżjoni ta' l-Awtorità ngħatat f'tilwima bejn ir-rikorrenti u *MobIsle Communications Limited*, li hija soċjetà sussidjarja ta' *Maltacom p.l.c.* li sittin fil-mija (60%) ta' l-ishma tagħha huma tal-Gvern ta' Malta. Għalhekk, dak li tassew ġara bil-ħruġ ta' l-Avviż Legali huwa illi l-Ministru ndaħal f'tilwima li kienet tinteressa lil soċjetà li fiha l-gvern għandu ishma biex ħassar il-jedd tar-rikorrenti — il-parti l-oħra fit-tilwima — illi tirrikorri quddiem tribunali mparzjali u indipendenti kontra deċiżjoni fuq dik it-tilwima meħuda minn awtorità governattiva, barra milli kiser ukoll il-prinċipju ta' *equality of arms*.

"Barra minn hekk, tkompli tgħid ir-rikorrenti, il-jedd tagħha għal smigħ xieraq kompla nkiser bis-sehem li ħadet l-Awtorità fil-proċess li wassal għall-ħruġ ta' l-Avviż Legali, li nħareġ "wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità kompetenti … … .." billi (1) l-Avviż Legali kellu l-effett li jġib fix-xejn il-jedd tar-rikorrenti li tfittex rimedju ġudizzjarju kontra deċiżjoni ta' l-istess Awtorità, u (2) l-Awtorità qdiet kemm funzjoni ġudizzjarja kif ukoll waħda konsultattiva, bi ksur tal-prinċipju ta' l-imparzjalità strutturali.

"Ir-rikorrenti tissottometti wkoll illi l-konklużjoni tal-Qorti ta' l-Appell illi r-rikorrenti ma kellhiex interess ġuridiku fl-appell għax hija "aċċettat ir-riżultat finali tal-fissazzjoni tar-rata" hija wkoll bi ksur tal-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti għax kompliet twassal biex ir-rikorrenti tiġi mċaħħda mill-jedd għad-determinazzjoni tas-sustanza ta' l-appell tagħha. Barra minn hekk, minn imkien mill-atti quddiem il-Qorti ta' l-Appell ma jirriżulta illi r-rikorrenti qatt "aċċettat ir-riżultat finali tal-fissazzjoni tar-rata". Li ġara hu illi, wara l-ħruġ ta' l-Avviż Legali, ir-rikorrenti kellha bilfors tapplika r-rata li ried l-Avviż Legali, iżda dan ma jfissirx illi aċċettatha. Daqshekk ieħor ma jfissirx illi r-rikorrenti aċċettat ir-rata l-fatt illi l-appell ma kienx imsejjes fuq kontestazzjoni tar-rata iżda fuq aggravji dwar żbalji proċedurali materjali, żbalji ta' liġi u illegalità materjali.

Huwa l-art. 35 tal-Kap. 399 illi jgħid illi kull wieħed minn dawk l-aggravji jista’ jwassal biex deċiżjoni ma tkunx tiswa. Għalhekk, safejn il-Qorti ta’ l-Appell sejset id-deċiżjoni tagħha illi ma tidħolx fl-aggravji li jolqtu s-sustanza ta’ l-appell tar-rikorrenti fuq l-argument illi r-rikorrenti “aċċettat ir-riżultat finali tal-fissazzjoni tar-rata”, hija ċaħħdet lir-rikorrenti mill-jedd fondamentali tagħha għal smigħ u determinazzjoni tal-jeddijiet ċivili tagħha minn tribunal indipendenti u imparzjali.

“Ir-rikorrenti kompliet tgħid ukoll illi d-deċiżjoni ta’ l-Awtorità, li kontra tagħha r-rikorrenti spiċċat mingħajr rimedju ġudizzjarju effettiv, kif ukoll il-proċeduri quddiem l-istess Awtorità jiksru l-jedd tagħha għal smigħ xieraq għal dawn ir-raġunijiet:

1. l-Awtorità ma tikkwalifikax bħala tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b’liġi, (a) billi l-membri u l-impjegati taghha huma uffiċjali pubbliċi li ma jagħtu ebda garanzija ta’ indipendenza u imparzjalità; dan in-nuqqas isir aktar gravi fil-kaz tallum fejn il-gvern kellu interessi sostanzjali f’parti fit-tilwima; (b) billi 1-Awtorità ma iddeterminatx it-tilwima billi mxiet fuq regoli ta’ liġi u bi proċedura stabilita; u (ċ) billi 1-Awtorità ma kellhiex il-kompetenza, il-mezzi u r-riżorsi meħtieġa biex tiddetermina t-tilwima;

2. l-Awtorità ma tatx lis-soċjetà rikorrenti opportunità xierqa illi tippreżenta l-każ tagħha qabel ma 1-istess Awtorità għaddiet għad-deċiżjoni fuq it-tilwima, bi ksur tal-principju ta’ smigħ xieraq;

3. l-Awtorità kisret il-prinċipju ta’ smigħ xieraq ukoll billi qabbdet esperti biex igħinuha tasal għad-deċiżjoni tagħha iżda mhux biss ma tatx lis-soċjetà rikorrenti l-opportunità illi tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha dwar ir-rapporti u l-konklużjonijiet ta’ dawn l-esperti, iżda wkoll naqset milli tipprovdilha aċċess għall-istess rapporti u konklużjonijiet; u l-Awtorità naqset ukoll milli tagħti raġunijiet għad-deċiżjoni taghha, billi ma fissritx kif jixraq il-kriterji li wassluha biex tistabilixxi t-*termination rate* ta’ tmien ċenteżmi u ħames milleżmi (8c5).

“Barra mill-jedd għal smigħ xieraq, ir-rikorrenti tgħid illi nkisrilha wkoll il-jedd għat-tgawdija tal-beni tagħha minħabba l-impożizzjoni tat-*termination rate* għax dan l-indħil fit-tgawdija tal-beni la kien skond il-liġi, la kien ġustifikat fl-interess ġenerali u lanqas ma ħares il-bilanċ ġust bejn il-ħarsien tal-jeddijiet ta’ proprjetà tar-rikorrenti u l-ħtiġiet ta’ l-interess ġenerali. Barra minn hekk, dan il-jedd inkiser ukoll bid-deċiżjoni ta’ l-Awtorità illi tiffissa *termination rate* ta’ tmien ċenteżmi u ħames milleżmi (8c5) għax din id-deċiżjoni wkoll la kienet skond il-liġi — għax il-proċedura li fuqha mxiet l-Awtorità ma kinitx skond il-liġi —, la kienet ġustifikata fl-interess ġenerali u lanqas ma ħarset il-bilanċ ġust bejn il-ħarsien tal-jeddijiet ta’ proprjetà tar-rikorrenti u l-ħtiġiet ta’ l-interess ġenerali.

“Għalhekk ir-rikorrenti talbet illi din il-qorti tgħid illi nkisru l-jeddijiet fondamentali tagħha għal smigħ xieraq, imħares mill-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni, u għall-ħarsien tat-tgawdija tal-beni tagħha, imħares taħt l-art. 1 ta’ l-Ewwel Protokoll, u, biex dawn il-jeddijiet jitwettqu, talbet illi l-qorti:

1. tgħid illi l-impożizzjoni ta’ rata ta’ tmien ċenteżmi u ħames milleżmi (8c5) kull minuta “għat-terminazzjoni ta’ telefonata li tkun tibda f’Malta fuq sistema ta’ tele-komunikazzjonijiet mobbli f’Malta”, bis-saħħa tar-reg. 4(1)(i) ta’ l-Avviż Legali 243 ta’ l-2000 kisret:

a. il-jedd fondamentali tar-rikorrenti għal smigħ xieraq minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b’liġi, imħares taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art.6 tal-Konvenzjoni; u

b. il-jedd fondamentali tar-rikorrenti għat-tgawdija paċifika tal-beni, imħares taħt l-art. 1 ta’ 1-Ewwel Protokoll;

2. tgħid illi s-sentenza tal-Qorti ta’ 1-Appell tat-23 ta’ Ġunju 2004 fil-kawża fl-ismijiet **Soċjetà *Vodafone (Malta) Limited versus* Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni** (appell numru 7/03), safejn laqgħet l-

appell ta’ l-Awtorità u ta’ *Maltacom p.l.c*, wara li laqgħet l-eċċezzjoni ta’ nuqqas ta’ interess ġuridiku tar-rikorrenti għax din “aċċettat ir-riżultat finali tal-fissazzjoni tar-rata”, kisret il-jedd fondamentali tar-rikorrenti għal smigħ xieraq minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b’ligi, imħares taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni;

3. tgħid illi d-deċiżjoni ta’ l-Awtorità ta’ 1-10 ta’ Novembru 2000, fuq it-tilwima bejn *MobIsle Communications Limited* u r-rikorrenti, kisret:

a. il-jedd fondamentali tar-rikorrenti għal smigħ xieraq minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b’liġi, imħares taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, u wkoll kisru l-istess jedd fondamentali l-proċeduri quddiem l-istess Awtorità li wasslu għal dik id-deċiżjoni; u

b. il-jedd fondamentali tar-rikorrenti għat-tgawdija paċifika tal-beni, imħares taħt l-art. 1 ta’ l-Ewwel Protokoll;

4. tgħid illi r-reg. 4(1)(i) ta’ l-Avviż Legali 243 ta’ 1-2000 ma jiswiex għax jikser il-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti;

5. tgħid illi s-sentenza fuq imsemmija tal-Qorti ta’ l-Appell tat-23 ta’ Ġunju 2004 ma tiswiex għax tikser il-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti u għax imsejsa fuq dispożizzjonijiet ta’ l-Avviz Legali 243 ta' 1-2000 li jiksru l-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti;

6. tgħid illi d-deċiżjoni ta’ l-Awtorità tal-10 ta’ Novembru 2000 ma tiswiex għax tikser il-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti;

7. tagħti lir-rikorrenti kumpens xieraq għall-ksur tal-jeddijiet fondamentali tagħha; u

8. tagħti lir-rikorrenti kull rimedju ieħor li jidhrilha xieraq.

"L-Awtorità ressqet l-eċċezzjoni[1], fost oħrajn, illi r-rikorrenti naqset milli tinqeda bir-rimedji kollha li tagħtiha l-liġi ordinarja qabel ma fittxet rimedju straordinarju bil-proċeduri tallum. Fissret illi l-Avviż Legali 243 ta' l-2000 ukoll huwa "direttiva maħruġa mill-Awtorità" taħt l-art. 4 tal-Kap. 399, kif jidher mir-reg. 5 ta' l-istess Avviż Legali. Din id-direttiva hija "att amministrattiv" kif jifhmu l-art. 469A(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u għalhekk seta' ntalab rimedju taħt dak l-artikolu.

"*MobIsle Communications Limited*[2] u *Maltacom p.l.c.*[3] ukoll ressqu din l-eċċezzjoni.

"Fil-11 t'Ottubru 2005 il-kawża kienet differita għallum għas-sentenza fuq din l-eċċezzjoni[4].

"L-ilmenti tar-rikorrenti huma dwar: (i) id-deċiżjoni ta' l-Awtorità tal-10 ta' Novembru 2000; (ii) is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-23 ta' Ġunju 2004; u (iii) id-dispożizzjonijiet tar-reg. 4(1)(i) tar-Regolamenti ta' l-2000 dwar l-Obbligi u r-Rati dwar l-Interkonnessjoni, maħruġa bl-Avviż Legali 243 ta' l-2000. Imiss issa li naraw jekk ir-rikorrenti setgħetx tfittex rimedju ordinarju dwar kull wieħed minn dawn l-ilmenti, u nibdew bid-deċiċżjoni ta' l-Awtorità.

"***1. Id-Deċiżjoni ta' l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni tal-10 ta' Novembru 2000***

"Id-deċiżjoni tal-10 ta' Novembru 2000 ittieħdet mill-Awtorità taħt l-artt. 20 u 22 tal-Kap. 399 (kif kienu fiż-żmien relevanti, qabel ma ġew sostitwiti bl-art. 19 ta' l-Att VII ta' l-2004):

**20.** (1) Provditur awtorizzat għandu jħalli lil provditur awtorizzat ieħor li jagħmel interkomunikazzjoni ma' l-infrastruttura tiegħu nnifsu.

---

[1] *Fol*. 26.
[2] *Fol*. 56.
[3] *Fol*. 65.
[4] *Fol*. 179.

(2) Il-patti u l-kondizzjonijiet li taħthom tiġi permessa interkomunikazzjoni bħal dik għandhom ikunu xi ħaġa li dwarha jiftiehmu l-partijiet; iżda fin-nuqqas ta' ftehim bħal dak fi żmien disgħin jum mid-data meta ssir talba għal interkomunikazzjoni, il-provditur li jkun qed jeħtieġ l-interkomunikazzjoni jista' jirreferi l-kwistjoni lir-Regolatur taħt l-artikolu 22 ta' dan l-Att.

… … …

**22.** (1) Meta tqum tilwima bejn provditur awtorizzat u provditur ieħor awtorizzat jew kull persuna oħra dwar xi infrastruttura jew servizz ta' telekomunikazzjonijet, dik il-kwistjoni tista' tiġi riferita lir-Regolatur minn min ikun minn dawk il-persuni.

(2) Malli tiġi riċevuta xi referenza bħal dik imsemmija, jew malli xort'oħra jsir jaf b'xi tilwima bħal dik li huwa jħoss li għandha tiġi investigata, ir-Regolatur għandu javża lill-partijiet involuti li l-kwistjoni tkun qiegħda tiġi investigata u jippermettilhom żmien raġonevoli li fih huma jipprovdu t-tagħrif relevanti u jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom.

(3) Wara li jkun debitament eżamina u qies il-fatti miġjuba quddiemu u kull tagħrif ieħor hekk kif huwa jista' jeħtieġ, ir-Regolatur jista' joħroġ dawk id-direttivi li jista' jkollu s-setgħa li jagħmel u hekk kif jista' jidhirlu li jkun xieraq.

"L-art. 30(1)(*d*) kien jagħti jedd ta' appell quddiem il-Bord ta' l-Appelli minn din id-deċiżjoni:

**30.** (1) Appell jista' jsir quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar Telekomunikazzjonijiet -

… …. …

(*d*) kontra kull deċiżjoni mogħtija mir-Regolatur f'xi tilwima bejn provdituri awtorizzati taħt l-artikolu 20 ta' dan l-Att;

"L-art. 32 imbagħad kien jagħti jedd ta' appell lill-Qorti ta' l-Appell mid-deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appelli.

Parti f'appell quddiem il-Bord li tħoss ruħha aggravata b'deċiżjoni tal-Bord, jew ir-Regolatur jekk dan iħoss ruħu mhux sodisfatt b'xi deċiżjoni bħal dik, jista' dwar kull punt ta' liġi jagħmel appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell permezz ta' rikors li jiġi preżentat fir-reġistru ta' dik il-qorti, fil-każ ta'

appell mir-Regolatur fi żmien tletin jum mid-data tad-deċiżjoni tal-Bord, u fil-każ ta' xi persuna oħra fi żmien tletin jum mid-data meta dik id-deċiżjoni tkun ġiet lilu notifikata.

"Ir-rikorrenti fil-fatt inqdiet bir-rimedju ta' appell quddiem il-Bord ta' l-Appelli, u r-riżultat kien favuriha. Il-parti l-oħra mbagħad appellat quddiem il-Qorti ta' l-Appell, u din id-darba d-deċiżjoni kienet kontra r-rikorrenti.

"Jidher ċar għalhekk illi ma jistax jingħad illi ma hemmx rimedju taħt il-liġi ordinarja kontra d-deċiżjoni ta' l-Awtorità; anzi, hemm żewġ istanzi ta' appell kontrieha. L-eċċezzjoni ta' l-intimati, safejn tolqot l-ilment dwar id-deċiżjoni ta' l-Awtorità, għalhekk hija tajba.

"***2. Is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-23 ta' Ġunju 2004***

"Ngħaddu issa biex inqisu d-deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell. Din hija deċiżjoni li minnha ma hemmx appell ieħor u ma jingħatax rimedju ieħor ħlief dak straordinarju ta' ritrattazzjoni f'każijiet eċċezzjonali.

"Dan ma jfissirx illi, jekk id-deċiżjoni finali ma tkunx togħġob lil parti, din awtomatikament għandha rimedju kostituzzjonali, bħallikieku din il-qorti tisma' appelli minn sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell. Rimedju taħt id-dispożizzjonijiet li jħarsu l-jeddijiet fondamentali jingħata biss fil-każ illi l-Qorti ta' l-Appell tkun hi stess kisret xi jedd fondamentali jew għax tkun imxiet fuq liġi ordinarja li hija bi ksur ta' dawk il-jeddijiet, u mhux fil-każ illi min jitlob ir-rimedju ma jkunx qabel mad-deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell.

"Fil-każ tallum, ir-rikorrenti qiegħda tilmenta mid-deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell għal żewġ raġunijiet: (i) għax dik il-qorti, biex waslet għad-deċiżjoni tagħha, imxiet fuq il-premessa — ħażina, tgħid ir-rikorrenti — illi r-rikorrenti "aċċettat ir-riżultat finali tal-fissazzjoni tar-rata"; u (ii) għax imxiet fuq Avviż Legali li r-rikorrenti tgħid illi hu bi ksur tal-jeddijiet fondamentali tagħha.

“Jidher ċar illi l-ewwel ilment huwa dwar konklużjoni tal-Qorti ta’ l-Appell fuq fatti; huwa daqshekk ieħor ovvju illi ma jmissx lil din il-qorti li tara jekk taqbilx jew le ma’ dik il-konklużjoni, appuntu għax din il-qorti ma hijiex qorti ta’ appell minn deċiżjonijiet tal-Qorti ta’ l-Appell. Deċiżjoni żbaljata ta’ qorti dwar fatti ma hijiex ksur ta’ jeddijiet fondamentali; li ma kienx hekk, din il-qorti kien ikollha s-setgħa li tgħarbel kull sentenza mogħtija mill-Qorti ta’ l-Appell biex tara jekk hemmx xi konklużjoni ħażina dwar fatti.

“Jekk, min-naħa l-oħra, il-Qorti ta’ l-Appell imxiet fuq liġi li fiha nfisha tikser il-jeddijiet tar-rikorrenti, jista’ jintalab rimedju mingħand din il-qorti, jekk ma jkunx hemm rimedju ieħor kontra dik il-liġi. Dan iwassalna biex naraw jekk ir-rikorrenti kellhiex rimedju ieħor kontra l-liġi — l-Avviż Legali 243 ta’ l-2000 — li hi tgħid illi tikser il-jeddijiet fondamentali tagħha.

“***3. L-Avviż Legali 243 ta’ l-2000***

“L-art. 33 tal-Kap. 399 jagħti s-setgħa li jsiru regolamenti:

**33.** (1) Il-Ministru jista’, sew bir-rakkomandazzjoni tar-Regolatur jew b’inizjattiva tiegħu nnifsu, jagħmel regolamenti sabiex jagħti seħħ aħjar lid-disposizzjonijiet ta’ dan l-Att u b’mod partikolari, iżda bla ebda preġudizzju għall-ġeneralità ta’ dak imsemmi qabel, sabiex jipprovdi dwar -

… … …

(*h*) kull ħaġa li jko1lha x’taqsam ma’ l-interkomunikazzjoni ta’ *networks* jew ma’ l-infrastruttura tat-telekomunikazzjonijiet;
(*i*) kull ħaġa li jkollha x’taqsam mar-risolviment ta’ tilwimiet kif provdut fl-artikolu 22 ta’ dan l-Att.

“Il-Ministru nqeda b’din is-setgħa biex, wara konsultazzjoni ma’ l-Awtorità, ħareġ b’Avviż Legali 243 ta’ l-2000 ir-Regolamenti dwar l-Obbligi u r-Rati dwar l-Interkonnessjonijiet. Ir-rikorrenti qegħdin igħidu illi, safejn dawk ir-regolamenti iffissaw ir-rata, ġabu fix-xejn il-jedd tagħha ta’ appell. Ladarba l-jedd ta’ appell huwa mogħti

mil-liġi ewlenija, ir-regolamenti, li huma liġi sussidjarja, safejn ixejnu l-jedd ta’ appell huma f’konflitt mal-liġi ewlenija u għalhekk ma jiswewx.

“Dan jista’ jkun minnu, u jista’ wkoll ikun kwistjoni ta’ interpretazzjoni, *i.e.* jekk interpretazzjoni tajba tas-setgħa mogħtija lill-Ministru taħt l-art. 33(1)(*i*) ta’ l-Att ewlieni tridx illi l-Ministru jkun jista’ jinqeda b’dik is-setgħa biss wara li r-risolviment tat-tilwima jkun wieħed finali, wara li tkun eżawrita l-proċedura ta’ appell stabbilita fl-Att.

“F’kull każ, iżda, sew il-kwistjoni jekk liġi sussidjarja tkunx *ultra vires* u sew kull kwistjoni dwar l-interpretazzjoni tagħha, il-materja hija waħda regolata taħt il-liġi ordinarja, u ma hijiex kwistjoni li kellha tinġieb quddiem din il-qorti fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha. Mela wkoll kontra l-Avviż Legali r-rikorrenti kellha rimedju taħt il-liġi ordinarja.

“Billi għalhekk hija tal-fehma illi għal kull wieħed mill-ilmenti tagħha s-soċjetà rikorrenti setgħet fittxet rimedju taħt il-liġi ordinarja, il-qorti tagħżel li ma tinqediex bis-setgħat mogħtija lilha taħt il-Kostituzzjoni u taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea għall-ħarsien ta’ jeddijiet fondamentali.

“L-ispejjeż ta’ dawn il-proċeduri għandha tħallashom is-soċjetà rikorrenti.”

**<u>L-appell tas-socjeta` Vodafone Malta Limited u r-risposti ta’ l-intimati</u>**

**3.** Is-socjeta` Vodafone Malta Limited appellat minn din is-sentenza. Hija tilmenta, bazikament, illi dwar it-tliet kapi li tahthom qed tghid li gew vjolati d-drittijiet kostituzzjonali u/jew “konvenzjonali” taghha – id-decizjoni ta’ l-Awtorita` tal-10 ta’ Novembru 2000, is-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tat-23 ta’ Gunju 2004 u l-Avviz Legali 243/2000 – ebda wiehed mis-suppost rimedji indikati mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata ma hu fir-realta` “rimedju adegwat u effettiv ghac-cirkostanzi li taw lok ghall-ksur tad-drittijiet taghha”. Tippuntwalizza li hi mhix tallega li ttiehdu xi decizjonijiet kontra d-disposizzjonijiet tal-ligi (ordinarja)

izda "qeghda tallega li dawk id-decizjonijiet mehuda fit-terminu tal-ligi jikkostitwixxu flimkien ma' dik il-ligi[5] vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali" taghha – fi kliem iehor, tilmenta li l-lezjoni tad-drittijiet fondamentali temergi mill-applikazzjoni tal-ligi ghall-fatti konkreti tal-kaz. L-appellanti tillanja li ebda "stharrig gudizzjarju ta' dawk id-decizjonijiet" ma jista' qatt jaghti rimedju adegwat u effettiv ghall-ksur minnha lamentat. Tispicca billi tissottolinea s-segwenti: *"Illi l-aggravju ta' l-esponenti fir-rikors promotorju taghha jidderiva mill-fatt li bil-mod kif agixxiet l-Awtorita` id-dritt lilha kompetenti li tappella mid-decizjoni ta' dik l-Awtorita` gie lilha mnehhi. Dana huwa evidenti meta wiehed jikkunsidra li d-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell fl-appell interpost kienet li dik il-qorti ma kellhiex gurisdizzjoni tiddeciedi fuq dak il-meritu. Kien precizament ghaliex hija sfat minghajr ebda rimedju li rrikorrenti ppretendiet li kien qed jigi vjolat it-dritt taghha ghal smigh xieraq u huwa stramb li wara dan kollu tigi rinfaccjata li hija ghandha rimedju."* [6]

**4.** Fir-risposta kongunta taghhom, il-Ministru ghall-Kompetittivita` u Komunikazzjonijiet u l-Avukat Generali jghidu li s-sentenza appellata kienet gusta u timmerita konferma. Fissru li nkwantu s-socjeta` appellanti tallega li bl-A.L. 243/2000 inkisru xi drittijiet taghha, l-azzjoni li kellha s-socjeta` appellanti kienet wahda biex dak l-istess Avviz Legali jigi dikjarat *ultra vires* il-ligi principali "u ma kien hemm ebda htiega ta' azzjoni kostituzzjonali". Ikomplu, pero`, ighidu illi *"s-socjeta` appellanti ddikjarat kemm-il darba, u anke permezz ta' xiehda ta' ufficjali taghha quddiem il-Bord ta' l-Appelli, illi permezz ta' l-appell taghha quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Telekomunikazzjonijiet hija me kienitx qeghda tikkontesta r-rata stabbilita mill-Awtorita` ghall-interkonnessjoni [b'mod ghalhekk li] huwa difficli li wiehed jifhem kif Avviz Legali li kellu l-intenzjoni illi jaghti l-forza tac-certezza legali lir-rata ta' interkonnessjoni...seta' lleda d-drittijiet fondamentali tas-socjeta` appellanti."* Jissottolinejaw illi fil-

[5] Sottolinear ta' din il-Qorti.

[6] Din is-silta mir-rikors ta' l-appell hija fil-fatt redatta fil-maskil – cioe` bhallikieku min qed jappella huwa maskil mhux femminil – u ghalhekk din il-Qorti biddlet kull fejn kien mehtieg biex jigi rifless il-generu korrett.

fehma taghhom is-socjeta` appellanti qed tipprova tnessi l-fatt illi hija fl-appell quddiem l-imsemmi Bord kienet qed tikkontesta mhux ir-rata ta' interkonnessjoni izda *"il-procedura li kienet uzat l-Awtorita` biex waslet ghall-istess rata"* – procedura li l-Avviz Legali in kwistjoni b'ebda mod ma dahal fiha. Dawna l-appellati jaghmlu wkoll diversi riflessjonijiet ohra dwar il-meritu tal-allegata lezjoni tad-drittijiet fondamentali tas-socjeta` rikorrenti appellanti.

**5.** Is-socjeta` Maltacom p.l.c. fir-risposta taghha tghid illi centrali ghar-rizoluzzjoni tal-vertenza hija l-allegazzjoni li l-Avviz Legali 243/2000 kien jikkozza mal-Kap. 399, u li ghalhekk, dejjem skond hi, is-socjeta` appellanti kellha certament ir-rimedju ta' kawza ghal stharrig gudizzjarju. Taghmel ampja referenza ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-8 ta' Novembru 2005 fl-ismijiet ***Borg v. Il-Ministru Responsabbli ghall-Gustizzja u l-Intern et*** fejn inghad, *inter alia*, li *"fis-sistema legali taghna qatt ma gie dubitat li ligi sussidjarja tista' tigi sindakata mill-Qorti ta' gurisdizzjoni ordinarja...biex wiehed jara jekk tali ligi hix* intra vires *jew* ultra vires *is-setghat moghtija mill-Parlament."* In sostanza din is-socjeta` appellata taqbel ma' l-ewwel Qorti li ghal kull wiehed mill-ilmenti taghha is-socjeta` appellanti kellha rimedju ordinarju effettiv u effikaci.

**6.** L-istess issostni l-Awtorita` ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni. Din l-appellata wkoll taghmel diversi riflessjonijiet li aktar jincidu fuq il-meritu milli dwar jekk l-ewwel Qorti kienitx gustifikata li tiddeklina milli tezercita` setghat taghha taht l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u d-disposizzjoni korrispondenti tal-Kap. 319. Bhall-appellati l-ohra, hija tghid li s-socjeta` appellanti kellha rimedji effettivi li pero` naqset milli tuzufruwixxi ruhha minnhom, u li ghalhekk issa ma tistax tinqeda bil-proceduri quddiem il-Prim Awla, Sede Kostituzzjonali, "biex tipprova tirrimedja ghall-fatt li fiz-zmien opportun naqset milli tezawrixxi r-rimedji kollha li kellha taht il-ligi ordinarja."

**7.** Fl-ahharnett, is-socjeta` MobIsle Communications Limited, f'risposta telegrafika, tghid li s-socjeta` appellanti kellha, kif korrettement irriteniet l-ewwel Qorti, "rimedji

ohra taht il-ligi ordinarja biex jigu attakkati d-decizjoni ta’ l-Awtorita` appellata tal-10 ta’ Novembru 2000, is-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell tat-23 ta’ Appell [recte: Gunju] 2004 u l-Avviz Legali 243 tal-2000.”

## Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti

**8.** Fil-kors tat-trattazzjoni quddiem din il-Qorti saru diversi referenzi ghall-“interess” li talvolta seta’ kellha s-socjeta` appellanti biex, per ezempju, timpunja d-decizjoni ta’ l-Awtorita` tal-10 ta’ Novembru 2000, kif ukoll saru diversi sottomissjonijiet li proprjament jincidu fuq il-meritu tal-vertenza kif proposta bir-rikors promotorju ta’ din il-kawza. Din il-Qorti, pero`, trid taghmilha cara li l-kwistjoni li ghandha ghalissa u bhalissa quddiemha hija strettament limitata ghall-punt dwar jekk l-ewwel Qorti kienitx korretta meta ddeklinat milli tezercita s-setghat taghha skond il-*proviso* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u taht id-disposizzjoni korrispondenti – il-*proviso* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 4 – tal-Kap. 319. Dan ghaliex diversi mill-appellati, fir-risposti ghar-rikors promotorju, sollevaw il-kwistjoni li s-socjeta` rikorrenti, illum appellanti, kellha mezzi xierqa ta’ rimedju ghal-lamenteli taghha[7], u ghalhekk stiednu lil dik il-Qorti biex hekk tiddeklina. Infatti d-digriet tad-29 ta’ April 2005 (fol. 166 tal-atti) hu car fil-portata tieghu – kellha ssir trattazzjoni (u ghalhekk tigi deciza biss) l-“eccezzjoni” illi s-socjeta` rikorrenti kellha rimedju taht il-ligi ordinarja. Anke l-verbal tal-udjenza tas-17 ta’ Jannar 2006 huwa car fuq dan il-punt: *“Inghatat sentenza dwar l-eccezzjoni fuq rimedji ordinarji”*.

**9.** Qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tezamina l-appell tas-socjeta` Vodafone Malta Limited, tajjeb li wiehed jirrikapitola fil-qosor il-principji gurisprudenzjali li jirregolaw il-materja. Kif gie osservat diversi drabi minn din il-Qorti, is-setgha tal-Prim Awla – kif ukoll ta’ din il-Qorti, jekk ikun il-kaz, cioe` jekk tkun tal-fehma li l-ewwel qorti tkun malament iddeklinat milli tezercita s-setghat taghha ghax kjarament kien hemm mezz xieraq ta’ rimedju – li

[7] Ara r-risposti (1) ta’ l-Awtorita`, fol. 26, (2) ta’ MobIsle Communications Limited, fol. 54, u (3) tas-socjeta` Maltacom p.l.c., fol. 64.

tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha jimplika element konsiderevoli ta’ diskrezzjoni, liema diskrezzjoni trid tigi dejjem uzata bi prudenza kbira. Hekk fis-sentenza taghha tas-27 ta’ Frar 2003 fil-kawza fl-ismijiet **John Sammut v. Awtorita` ta’ l-Ippjanar et**, din il-Qorti esprimiet ruhha hekk:
“Kif din il-Qorti – u anke il-Prim Awla fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha – kellha okkazjoni li tfisser diversi drabi, l-applikazzjoni o meno ta’ dan il-proviso hu fid-diskrezzjoni tal-Qorti. Pero` bhal kull diskrezzjoni, din ghandha tigi ezercitata b’mod korrett u tkun diretta ghall-iskop li ried jilhaq il-legislatur. Il-legislatur ma riedx li jsiru kawzi kostituzzjonali bla bzonn; mill-banda l-ohra dan il-proviso m’ghandux jintuza biex cittadin jigi impedut milli jippromwovi azzjonijiet kostituzzjonali meta jidher *prima facie* li ghandu kaz serju li jista’ jimplika ksur tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem. Fi kliem iehor, id-diskrezzjoni taht l-imsemmi proviso ghandha dejjem tigi wzata fl-ahjar interess ta’ l-amministrazzjoni tal-gustizzja, biex min-naha l-wahda l-Prim Awla u din il-Qorti ma jigux inundati b’kawzi li jistghu jigu determinati minn Qrati ohra jew li ghalihom ikun hemm altrimenti rimedju effettiv taht xi ligi ohra, u min-naha l-ohra c-cittadin ma jigix ipprivat mir-rimedji li hu ghandu dritt ghalihom taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Kap. 319[8].”

**10.** Kompendju tad-diversi principji li jirregolaw il-materja nghata mill-Prim Awla fis-sentenza kostituzzjonali taghha tat-30 ta’ Gunju 2005 fl-ismijiet **Olena Tretyak v. Direttur tac-Cittadinanza u *Expatriate Affairs*** (finalment deciza fl-appell minn din il-Qorti fis-16 ta’ Jannar 2006)[9]:

“Illi dwar din l-eċċezzjoni, għandu jingħad li l-Qorti jkollha, min-natura tal-eċċezzjoni nfisha, tqisha fuq il-bażi ta’ dak li jidher mill-atti *prima facie.* Ma jistax ikun mod ieħor, għaliex jekk il-Qorti kellha tidħol biex tqis il-provi fil-mertu, jkun ifisser li diġa’ tkun qieset li hija sejra twettaq il-ġurisdizzjoni tagħha. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-Qorti f’dan

---

[8] Ara ***Alfred Balzan v. Onor. Prim Ministru et*** Q.K. 15/1/91, ***Tonio Vella v. Kummissarju tal-Pulizija et*** Q.K. 5/4/91, ***Joseph Briffa v. Kummissarju tal-Pulizija*** Q.K. 14/6/95. Ara wkoll ***Angelo Xuereb et v. Id-Direttur tax-Xogholijiet et*** Q.K. 27/3/09.
[9] Ara wkoll ***Tereza Green v. Registratur taz-Zwigijiet*** Q.K. 6/4/09.

l-istadju, tgħid li hija sejra twettaq is-setgħat li għandha biex tisma' l-każ ma jfissirx li b'hekk l-ilment tar-rikorrenti huwa wieħed mistħoqq jew li, minn dak li jirriżulta, ma jistax ikun li l-azzjoni tiegħu tirriżulta li kienet, wara kollox, waħda fiergħa jew maħsuba biss biex iddejjaq;

"Illi minħabba li r-rikorrent qegħda tressaq l-ilment tagħha kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni, joħroġ li l-eċċezzjoni li l-Qorti jmissha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha hija msejsa fuq id-dispożizzjonijiet tal-*proviso* għas-sub-artikolu (2) tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-*proviso* tas-sub-artikolu (2) tal-artikolu 4 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, li t-tnejn jużaw l-istess kliem għalkemm mhux it-tnejn jorbtu bl-istess mod lill-Qorti fl-użu tad-diskrezzjoni tagħha[10];

"Illi l-eżistenza ta' rimedju ieħor lill-parti li tressaq azzjoni ta' allegat ksur ta' jedd fondamentali taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni għandha tirriżulta lill-Qorti bħala **stat ta' fatt attwali u obbjettiv**, u d-diskrezzjoni li tista' twettaq il-Qorti biex ma teżerċitax is-setgħat tagħha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel" minħabba l-eżistenza ta' rimedju ieħor hija deċiżjoni fuq tali **stat ta' fatt.** Kemm hu hekk, huwa biss meta jew jekk jirriżulta lill-Qorti bħala fatt li (kien) jeżisti rimedju ieħor effettiv lir-rikorrent li l-Qorti tista' tiddelibera jekk għandhiex twarrab milli teżerċita s-setgħat tagħha li tisma' l-ilment imressaq quddiemha[11]. F'każ li ma jirriżultax li kien hemm rimedju ieħor xieraq, il-Qorti trid tieħu konjizzjoni tal-ilment, u f'każ li kien hemm rimedju ieħor, il-Qorti jibqagħlha s-setgħa li tiddeċiedi li ma ċċediex l-eżerċizzju tas-setgħa tagħha;

"Illi ma jrid bl-ebda mod jintesa li d-diskrezzjoni li l-Qorti għandha f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u mmirata lejn l-iskop li l-leġislatur ried li jilħaq biha: jiġifieri, li filwaqt li ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali bla bżonn, min-naħa l-oħra ma jiġrix li, minħabba tħaddim "liberali" tad-diskrezzjoni, persuna tinżamm milli tmexxi 'l

[10] Ara Kost. **16.11.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Arena noe vs il-Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.i.257**).
[11] Ara Kost. **31.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Żahra vs Awtorita' tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.179**).

quddiem azzjoni bħal din meta jkun jidher li l-każ huwa wieħed serju li jimplika t-telf jew tnaqqir ta' jedd fondamentali għal dik il-persuna. Kif ingħad dan l-aħħar f'dan ir-rigward, din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja biex, min-naħa l-waħda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jsibux ma' wiċċhom kawżi li messhom jew setgħu tressqu quddiem Qrati oħrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setgħu jitfitxxu rimedji oħrajn effettivi, u biex, min-naħa l-oħra, persuna ma tiġix imċaħħda mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta[12];

"Illi meta jingħad li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat[13]. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se' jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi[14];

"Illi, madankollu, l-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fiż-żmien tal-allegat ksur tal-jedd fondamentali li dwaru jitressaq l-ilment, u mhux fiż-żmien li jkun tressaq l-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali[15]. M'huwiex mogħti lil persuna l-benefiċċju li l-ewwel tħalli jgħaddi għalxejn iż-żmien li fih setgħet tieħu r-rimedju għall-ksur tal-jedd tagħha, u mbagħad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bħallikieku l-proċedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju *in extremis* li wieħed jista' jirrikorri għalih biex isewwi żball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel[16];

---

[12] Kost. **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar et***.

[13] Ara Kost **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**).

[14] P.A. Kost. **9.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Clifton Borġ vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata).

[15] Kost.**9.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul McKay vs Kummissarju tal-Pulizija et***

[16] Ara Kost. **25.6.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Chairman Awtorita' tal-Ippjanar et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.201**).

"Illi f'għadd ta' sentenzi mogħtijin f'dawn l-aħħar snin mill-Qorti Kostituzzjonali, ġew stabiliti prinċipji li għandhom jiġu segwiti minn Qorti biex tqis jekk huwiex minnu li r-rikorrent kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedju alternativ effettiv. Fost dawn il-prinċipji wieħed isib li (a) meta jidher ċar li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu, ir-rikorrent għandu jirrikorri għal tali mezzi qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju kostituzzjonali; (b) li d-diskrezzjoni li tuża l-Qorti biex tqis jekk għandhiex twettaq is-setgħat tagħha li tisma' kawża ta' natura kostituzzjonali għandha torbot, sakemm ma tinġiebx xi raġuni serja u gravi ta' illegalita', inġustizzja jew żball manifest fl-użu tagħha; (ċ) m'hemm l-ebda kriterju stabilit minn qabel dwar l-użu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull każ jeħtieġ jiġi mistħarreġ fuq iċ-ċirkostanzi tiegħu; (d) in-nuqqas waħdu ta' teħid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent m'huwiex raġuni biżżejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtagħha li ma tużax is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrent għall-ilment tiegħu; (e) in-nuqqas ta' teħid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk sata' kien għal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent - minħabba l-imġiba ta' ħaddieħor m'għandux ikun raġuni biex il-Qorti twarrab is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent[17]; (f) l-eżerċizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni tagħha bla ma tistħarreġ il-materja neċessarja li fuqha tali diskrezzjoni għandha titwettaq, jagħti lil Qorti tat-tieni grad is-setgħa li twarrab dik id-diskrezzjoni[18]; u (ġ) meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu ieħor jew meta s-smigħ tal-ilment tar-rikorrent se' jwassal biex l-indaġni ġudizzjarja u l-proċess l-ieħor tas-smigħ tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti

[17] P.A. (Kost.) VDG **9.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Bonavia vs L-Awtorita' tal-Ippjanar et***.

[18] Ara Kost. **7.3.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Bannister et*** (kollez. Vol: **LXXVIII.i.48**) u Kost. **12.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Visual & Sound Communications Ltd. vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et***.

kostituzzjonali għandha ttendi lejn ir-rifjut li tuża s-setgħat tagħha kostituzzjonali, sakemm l-indaġni ġudizzjarja tal-każ ma tkunx, min-natura tagħha, ixxaqleb iżjed lejn kwestjoni kostituzzjonali[19];

"Illi d-diskrezzjoni li l-Qorti tagħżel li tieħu jekk twettaqx jew le s-setgħat tagħha kostituzzjonali biex tisma' kawża għandha tiġi eżerċitata bi prudenza, b'mod li fejn jidher li hemm jew sejjer ikun hemm ksur serju ta' drittijiet fondamentali, l-Qorti xxaqleb lejn it-twettiq ta' dawk is-setgħat[20]. Irid dejjem jitqies li din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja u toħloq bilanċ biex, mill-banda l-waħda, twaqqaf lil min jipprova jabbuża mill-proċess kostituzzjonali, u mil-banda l-oħra żżomm milli jiġi maħluq xkiel bla bżonn lil min ġenwinament ifittex rimedju kostituzzjonali[21]."

**11.** Fir-realta`, minkejja l-elaborazzjoni ta' dawn il-principji kollha, fl-ahhar mill-ahhar, wiehed irid japplikahom ghall-fatti tal-kaz partikolari u jimxi *on a case by case basis*. Kif aktar 'il fuq rimarkat, biex qorti tiddeciedi jekk kienx hemm verament mezz xieraq ta' rimedju hija trid thares l-ewwel u qabel kollox lejn il-kawza kif tkun giet proposta. Forsi mhux ghal kollox korrett meta wiehed jghid li tali eccezzjoni wiehed ghandu jqisha biss "fuq il-bazi ta' dak li jidher mill-atti *prima facie*" u minghajr ma jisma' provi, inkluzi provi fil-meritu (kif inghad mill-Prim Awla fis-sentenza **Tretyak** *supra*); hija infatti koncepibbli sitwazzjoni fejn, biex il-Qorti tkun tista' tiddeciedi jekk kienx hemm tali mezz jew mezzi xierqa ta' rimedju, ikollha tisma' xi provi. Jista' wkoll jigri li, wara li l-Prim Awla tkun bdiet tisma' l-provi fil-meritu, jirrizulta li fil-fatt kien hemm mezzi xierqa ta' rimedju u ghalhekk, anke f'dak l-istadju inoltrat, dik il-Qorti tkun tista' tiddeklina milli tezercita jew tkompli tezercita s-setghat taghha skond l-Artikoli 46(2) u 4(2) tal-Kostituzzjoni u tal-Kap. 319 rispettivament. Wiehed m'ghandux jinsa li l-applikazzjoni tal-*proviso* tas-

[19] P.A. Kost **29.10.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Martin Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata).
[20] Kost. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***David Axiaq vs Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku***.
[21] Kost. **31.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mediterranean Film Studios Limited vs Korporazzjoni għall-Iżvilupp ta' Malta et***.

subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319 ma tirrikjedix li tinghata eccezzjoni formali fir-rigward da parti tal-intimat jew intimati – il-Qorti tista’ tissolleva l-ezistenza ta’ “mezzi xierqa ta’ rimedju” anke *ex officio*.

**12.** Fil-kaz in dizamina, pero`, huwa evidenti li l-ewwel Qorti, meta giet biex tiddeciedi l-eccezzjoni sollevata minn xi whud mill-appellati, strahet – kif setghet tistrieh – fuq l-atti tal-kawza: ir-rikors promotorju, id-diversi risposti u fuq dokumenti li talbet l-istess Qorti fl-istruzzjoni preliminari tal-kawza. Huwa ghalhekk evidenti li biex din il-Qorti tiddetermina jekk id-decizjoni appellata kienitx wahda gusta o meno, trid tara l-ewwel u qabel kollox dak li kien qed jigi allegat mis-socjeta` rikorrenti, illum appellanti.

**13.** Issa, il-mod kif inhu konfezzjonat ir-rikors promotorju certament ma hux wiehed semplici. Jekk dan sarx ghax il-materja hija verament komplessa jew biex dak li hu semplici jinghata s-sembjanza ta’ komplessita` u gravita`, hija kwistjoni li dwarha din il-Qorti ser tiddesisti milli tippronunzja ruhha f’dana l-istadju. Dak li hu cert, pero`, hu li s-socjeta` appellanti qed tilmenta – tajjeb jew hazin – minn sekwenza ta’ fatti u cirkostanzi li, dejjem skond hi, kemm individwalment kif ukoll kumulattivament wasslu ghal lezjoni ta’ diversi drittijiet fondamentali taghha. Skond l-appellanti, id-decizjoni ta’ l-Awtorita` ta’ Malta dwar il-Komunikazzjoni tal-10 ta’ Novembru 2000, l-A.L. 243/2000 u is-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tat-23 ta’ Gunju wasslu ghal lezjoni tad-dritt ta’ smigh xieraq. Infatti, il-paragrafu 11 tar-rikors promotorju jghid espressament hekk:

“Illi b’dan il-mod [cioe` id-deskrizzjoni tal-fatti li kienu jikkomprendu mid-decizjoni ta’ l-Awtorita` sas-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell], kif ser jigi spjegat fil-paragrafi segwenti u ppruvat fil-kors tat-trattazzjoni tar-rikors odjern, gie lez id-dritt fondamentali tas-socjeta` rikorrenti ghal smigh xieraq minn tribunal indipendenti w imparzjali mwaqqaf b’ligi, dritt sancit bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.”

**14.** U fil-paragrafu 18 ta' l-istess rikors jinghad:

"Illi oltre l-lezjoni tad-dritt fondamentali ghal smigh xieraq, is-socjeta` rikorrenti sofriet ksur tad-dritt fondamentali taghha ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti, sancit bl-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni Ewropea, u dana b'effett ta' l-imposizzjoni tat-*termination rate* permezz ta' l-Avviz Legali fuq imsemmi. Ghall-istess ragunijiet spjegati fil-paragrafi 13 u 14[22] tar-rikors odjern, l-ingerenza fit-tgawdija tal-possedimenti tas-socjeta` rikorrenti permezz ta' l-imsemmija imposizzjoni tar-rata la kienet legittima *(lawful)*, la kienet gustifikata mill-interess generali, u, subordinatament, lanqas irrispettat il-bilanc gust bejn il-protezzjoni tad-drittijiet ta' proprjeta` tas-socjeta` rikorrenti u l-esigenzi ta' l-interess generali."

**15.** Issa, kif rajna, is-sentenza appellata ddecidiet li kien hemm mezzi xierqa ta' rimedju ghal kull lamentela tas-socjeta` rikorrenti (illum appellanti) billi kkunsidrat l-ilmenti tar-rikorrenti separatament u taht tliet kapi – dak tad-decizjoni ta' l-Awtorita` tal-10/11/00, dak tas-sentenza ta' l-appell tat-23/6/04, u dak tal-A.L. 243/2000. Pero` anke li wiehed kellu jiehu dawn l-ilmenti hekk separatament u mhux kumulattivament (kif qed tippretendi s-socjeta` appellanti li ghandhom jittiehdu), ir-ragunament ta' l-ewwel Qorti mhux wiehed konvincenti. Hekk, per ezempju, din il-Qorti ma tifhimx kif, bis-semplici fatt li mid-decizjoni tal-Awtorita` kien hemm dritt ta' appell lill-Bord tal-Appelli u wara dritt ta' appell lill-Qorti ta' l-Appell, jista' jinghad li kien hemm neccessarjament "mezz xieraq ta' rimedju" ghall-allegazzjoni ta' ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Tali dritt ta' appell – li, ghandu jinghad, gie ezercitat mis-socjeta` appellanti, izda li xorta qed tilmenta li baqghet bla rimedju, jekk mhux addirittura li l-ezitu tal-appell stess holoq jew ikkontribwixxa ghal-lezjoni – jista' jkun li jaghti rimedju ghad-dritt ta' smigh xieraq; izda jekk kemm il-Bord kif ukoll il-Qorti tal-Appell japplikaw ligi li, ghall-grazzja tal-argument, tkun fiha nnifisha jew meta applikata ghal fatti partikolari, leziva tad-dritt protett

[22] i.e. bit-tnehhija – dejjem skond l-appellanti – tad-dritt ta' appell (billi dan gie rez "ineffikaci u futili") li hija kienet intitolata ghalih u bl-intromissjoni tal-Gvern f'tilwima kummercjali bejn zewg socjetajiet.

bl-imsemmi Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll, bid-dritt ta' appell doppju b'kollox jista' jaghti l-kaz li xorta wahda tavvera lezjoni ta' dan l-imsemmi artikolu.

**16.** Bl-istess mod, il-kwistjoni ta' jekk l-A.L. 243/2000 kienx *ultra vires* jew *intra vires* hija marginali ghal-lamenteli tas-socjeta` appellanti kif migjuba fir-rikors promotorju. Ligi sussidjarja tista` tkun perfettament valida fis-sens li ghandha l-htigijiet kollha biex tkun *intra vires* izda, fiha nnifisha u/jew meta applikata ghal fatt jew fatti partikolari, dik il-ligi tissarraf, jew x'aktarx li tkun ser tissarraf, f'lezjoni ta' dritt fondamentali. L-istess jista' jinghad ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-23 ta' Gunju 2004 – dik il-Qorti setghet imxiet perfettament skond il-ligi, kemm procedurali kif ukoll sostantiva – u ma jidhirx, fil-fatt, li s-socjeta` appellanti qed tghid li dik il-Qorti ma mxietx hekk – izda xorta wahda ikun hemm fil-kaz partikolari lezjoni ta' dritt fondamentali.

**17.** Kollox ma' kollox, din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti f'dan il-kaz ma kellhiex tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha skond l-Artikoli 46(2) u 4(2) tal-Kostituzzjoni u tal-Kap. 319 rispettivament. Din il-Qorti terga' tirrepeti, biex ma tigix b'xi mod fraintiza, li b'daqshekk mhix qed tghid li t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma gustifikati – anzi jista' jirrizulta, wara li l-Prim Awla tisma' il-provi, li t-talbiet taghha huma semplicement frivoli jew vessatorji. Dak li qed jinghad ghalissa huwa <u>biss</u> li, bil-mod kif inhu impostat ir-rikors promotorju, l-ewwel Qorti ma kienitx gustifikata li tiddeklina li tezercita s-setghat taghha taht l-imsemmija zewg disposizzjonijiet.

**18.** Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tibghat lura l-atti lill-ewwel Qorti sabiex din, wara li tisma' l-provi li jistghu iressqu l-partijiet, tiddeciedi dwar it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti skond il-ligi. L-ispejjez inkorsi sa issa, cioe` kemm dawk in prim istanza kif ukoll dawk ta' dana l-appell, ghandhom jigi sopportati mill-intimati appellati li specifikatament isollevaw l-"eccezzjoni" li kien hemm mezzi xierqa ta' rimedju, u cioe` mill-Awtorita` ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, mis-socjeta` MobIsle

Communications Limited u mill-Maltacom p.l.c., solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------